# It-Tfal li ma Jistgħux Jistennew

**Miktub minn Daniela Attard Bezzina**

**Ippubblikat fuq l-Orizzont**

Xi xahrejn ilu, meta l-Parlament approva l-liġi dwar il-fostering, ktibt dwar dan is-suġġett. Mhux soltu nikteb dwar l-istess suġġett daqshekk malajr, iżda dan l-aħħar sar appell għal aktar foster carers u ħassejtni fid-dmir li nagħti sehmi f'din il-kampanja. Għal dan il-għan tkellimt ma' Joe Gerada, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, u John Rolè, Service Leader tas-Servizz tal-Fostering fi ħdan l-aġenzija Appoġġ, li taqa' taħt il-maniġment tal-Fondazzjoni msemmija.

Għal ħafna snin, anke barra minn Malta, it-tfal li għal xi raġuni ma setgħux jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom kienu jmorru jgħixu fl-istituti. F'Malta prattikament dawn l-istituti jew kif inhuma magħrufa ahjar bħala djar tat-tfal, kollha huma mmexxija minn ordnijiet reliġjużi u ko-ordinati mill-Kurja. Għal żmien twil dawn id-djar tat-tfal pprovdew alternattiva tajba għall-Ħarsien ta' tfal li kieku ma kienx għalihom, it-tfal kienu jispiċċaw fit-triq.

Kif spjegawli s-Sur Gerada u s-Sur Rolè, f'dawn l-aħħar 20 sena seħħew bidliet li minħabba fihom id-djar tat-tfal ma baqgħux l-alternattiva ideali għall-familji naturali tat-tfal. L-ewwel bidla kienet li r-reliġjużi bdew jonqsu u għalhekk żdied il-piż fuq il-ftit li fadal. It-tieni bidla seħħet fit-tfal stess li jkollhom bżonn jidħlu f'dawn id-djar tat-tfal. Dan għaliex qabel it-tfal kienu jiddaħħlu fid-djar tat-tfal minħabba l-faqar jew il-mewt tal-ġenituri, mentri llum jiddaħħlu għal raġunijiet differenti. Dawn ir-raġunijiet ivarjaw minn ġenituri li ma jridux lil uliedhom u ġenituri vvizzjati bid-droga għal tfal li huma trawmatizzati minħabba l-problemi li hemm fil-familji naturali tagħhom. Dan ifisser li ħafna mit-tfal li qed jidħlu fid-djar tat-tfal jippreżentaw sfidi akbar minn qabel. Barra minn hekk hemm diversi każijiet li t-tfal ikunu neqsin minn kuntatt personali ma adulti importanti f'ħajjitom bħal ġenituri jew familjari. Dan il-kuntatt huwa importanti dejjem, partikolarment fl-ewwel tliet snin tal-ħajja tat-tfal. Mingħajru t-tfal meta jikbru jsibuha diffiċli biex ikollhom relazzjonijiet mill-qrib ma' adulti oħra u jkollhom ukoll it-tendenza li jbatu bl-ansjetà u li jidħlu fihom infushom.

Illum nafu li l-alternattiva li l-aktar tiġi qrib il-familja naturali hi l-*foster care*. Sa issa ma hi magħrufa l-ebda sistema li hi aħjar mill-*fostering*. "Kull tifel u tifla li jgħixu fid-djar tat-tfal għandhom jiġu fostered għax huwa importanti li t-tfal jgħixu f'ambjent ta' familja u mhux t' istituzzjoni. Ma rridx infisser li r-reliġjużi fl-istituti ma jagħmlux xogħolhom sew – għall-kuntrarju, jagħmlu xogħol imprezzabbli. Iżda x-xjenza turi li l-aqwa ambjent għat-trobbija tat-tfal huwa dak tal-familja," qal is-Sur Gerada.

Huwa żied jgħid li l-liġi dwar il-*fostering* li għaddiet mill-Parlament dan l-aħħar hija bażi tajba iżda għad fadal ħafna aktar xogħol x'isir. "L-ewwelnett għandu jkollna Att dwar it-Tfal li jinkorpora fih il-liġijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal. B'hekk tinħoloq koerenza bejn il-liġijiet u ma jkunx hawn spazji vojta li jdejfu l-qafas legali. Ma ninsewx li meta l-Istat jidħol responsabbli għal tfal li ma jistgħux jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom, dan ifisser li l-Istat qiegħed f'pożizzjoni li jipprovdi xi ħaġa aħjar mill-ġenituri naturali għal dawn it-tfal. Huwa minnu li hawn id-Dipartiment għall-Istandards Soċjali li jara li l-operaturi jagħmlu xogħolhom sewwa. Izda minn naħa l-oħra, id-drittijiet tat-tfal u l-obbligi tal-ġenituri u ta l-Istat jeħtieġ li jkunu elenkati f' liġi apposta għat-tfal.

"Tinħtieġ ukoll bidla fil-mentalità minn waħda ta' parental authority għal waħda ta' parental responsibility. F'pajjiżna għadna nħarsu wisq lejn it-tfal bħala proprjetà minflok bħala persuni mislufin lilna u li lejhom għandna responsabbiltà. Il-liġijiet moderni dwar it-tfal kollha jirriflettu din il-bidla fil-mentalità."

"F'kull ħaġa li nagħmlu rridu dejjem nitilqu mill-punt ta' x'inhuma d-drittijiet tat-tfal u x'inhu fl-aħjar interess tagħhom," kompla s-Sur Gerada. "It-tfal ma jistgħux jistennew għax jikbru f'kemm trodd salib u dak li nitilfu llum ma nistgħux nirkuprawh għada. Għalhekk is-sistemi ta' pajjiżna jridu jkunu proattivi u ma jagħtux lok għal żbalji."

Is-Sur Gerada u s-Sur Rolè komplew jispjegawli li minbarra l-liġi dwar il-*fostering*, ittieħdu miżuri oħra fl-interess tat-tfal f'dawn l-aħħar snin. Fost dawn insibu l-*Looked After Children Services*, fejn jiġi allokat *social worker* għal kull tifel u tifla li jgħixu fid-djar tat-tfal jew li qed jgħixu ma' *foster carers*. Dawn is-*social workers* isegwu l-progress tat-tfal f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-iżvilupp tat-talenti u l-imġieba.

Id f'id ma' dan is-servizz hemm il-*High Support Service*, fejn care workers ta' l-Aħenzija APPOĠĠ jaħdmu mar-reliġjużi biex itaffu l-problema ta' nuqqas ta' staff fid-djar tat-tfal. Xi sena ilu nbeda wkoll il-programm *Kids*, finanzjat mill-gvern u mmexxi mill-Fondazzjoni *Richmond*, li jieħu ħsieb tfal bi problemi intellettwali. Dan il-programm speċjalizzat qed jevita li dawn it-tfal jiġu rikoverati fl-isptar.

Madankollu, skond is-Sur Gerada u s-Sur Rolè, l-aktar ħaġa importanti tibqa' l-ħtieġa li n-numru ta' tfal li għadhom jgħixu fid-djar tat-tfal jonqos drastikament permezz tal-*foster care*. Bħalissa fid- djar tat-tfal hemm bejn 250 u 300 tifel u tifla iżda s-Sur Gerada jemmen li għad-daqs ta' Malta din iċ-ċifra qatt ma għandha taqbeż is-70. Huwa għalhekk spjega li hawn bżonn ta' aktar *foster carers*.

"Nemmen li hemm bżonn li jiġu introdotti inċentivi akbar għall-*foster carers*, speċjalment dawk li jieħdu ħsieb tfal b'diżabilità jew bi problemi intellettwali jew b'imġieba diffiċli ħafna. Jekk isir pjan fit-tul, mifrux fuq medda ta' bejn ħamsa u għaxar snin, dawn l-inċentivi ma għandhomx ikunu ta' piż finanzjarju fuq il-gvern," sostna s-Sur Gerada.

Minkejja li f'pajjiżna għad ma għandniex biżżejjed *foster carers*, xorta waœda saret qabÿa kbira 'l quddiem meta wieħed iqis li fl-1996 kien hawn 29 *foster families* u llum hawn 146. Dan huwa numru li jikkompara tajjeb ma' rati f'pajjiżi barranin, aktar u aktar meta tqis li l-*foster carers* f'pajjiżna jieħdu biss Lm17 fil-ġimgħa għas-servizz li qed jagħtu.

Kif għidt fl-artiklu li ktibt ftit ġimgħat ilu, forsi tnejn mill-fatturi li jistgħu jżommu lin-nies milli jidħlu għar-responsabbiltà tal-fostering huma l-biża' li jsiru jħobbu wisq lit-tfal li jiffosterjaw u l-biża' li jridu jħabbtu wiċċhom mal-ġenituri naturali tat-tfal li jiffosterjaw. Dwar l-ewwel biża', wieħed għandu jkun jaf li s-*social workers* ta' l-aġenzija Appoġġ jgħinu kemm jifilħu lill-*foster carers* biex jifhmu li dak li qegħdin jagħmlu qed jagħmluh purament għall-ġid tat-tfal konċernati u biex jidraw l-idea li maż-żmien iridu jerġgħu jitilqu lit-tfal minn taħt idejhom. Ta' min jgħid hawnhekk li meta jasal iż-żmien li t-tfal imorru lura għand il-ġenituri naturali tagħhom, dan ma jsirx ħabta u sabta iżda huwa proċess li jieħu madwar sitt xhur jew izjed skond il-ħtieġa.

Dwar it-tieni biża, wieħed irid jgħid li l-*foster carers* mhux bilfors jiġu f'kuntatt ma' xulxin, minkejja l-fatt li t-tfal iffosterjati tajjeb li iżommu kuntatt regolari mal-ġenituri naturali tagħhom fejn possibli. Barra minn hekk il-liġi l-ġdida toffri aktar protezzjoni minn qabel lill-*foster carers*.

"Fuq livell uman, li tkun *foster carer* mhix esperjenza faċli iżda hija esperjenza li tagħti sodisfazzjon kbir għax biha tkun qed tagħti lit-tfal opportunità li kieku ma jkollhomx. Fil-mixja tiegħek bħala *foster carer* qatt m'int se tkun waħdek għax se ssib għajnuna kontinwa mit-tim ta' l-aġenzija Appoææ. L-istejjer ta' suċċess li kellna s'issa huma xiehda li bosta *foster carers* jirnexxu fil-biċċa xogħol li jidħlu għaliha. Għalhekk ninkoraġġixxi lil min jista' jagħti din l-opportunità ġdida lit-tfal biex jikkuntattjana," temm jgħid is-Sur Gerada.

L-aġenzija Appoġġ toffri taħriġ u servizzi regolari apposta għal min hu interessat fil-*fostering*. Min hu interessat jista' jċempel lis-Servizz tal-*Fostering* ta' l-aġenzija Appoġġ fuq Supportline 179 jew fuq in-numru 22959000. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sit www.appogg.gov.mt, fejn wieħed isib ukoll kopja ta' l-applikazzjoni.